# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**Magistrat**

**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can.)**

**Seduta mizmuma llum, 6 ta' Lulju 2016**

**Rikors Numru: 93/16 CSH**

**GO p.l.c (bin-numru ta' registrazzjoni tal-kumpanija – C22334)**

**vs**

**Boarding School (Malta) Ltd (C22600)**

## Il-Qorti,

Rat ir-rikors tas-socjeta' attrici li gie pprezentat nhar il-5 ta' Mejju 2016 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lis-socjeta' kopnvenuta thallasha s-somma ta' erbatax-il ef, erba' mija u tlieta u erbghin ewro u sitta u tletin centezmu (€14,443.36) in konnessjoni ma' bilanc rimanenti minn somma akbar in konnessjoni ma' ftehim ghal hlasijiet rateali datat 27 ta' Lulju 2015.

Bid-drittijiet, l-ispejjez, komprizi dawk tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet mid-data tal-prezentata ta' din il-kawza, kontra s-socjeta' konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat illi is-socjeta' konvenuta kienet debitament notifikata skond riferta posittiva tal-Purtier Gaetano Spiteri datata 13 ta' Mejju 2016 fejn thalliet

kopja tal-avviz fl-indirizz tas-socjeta' konvenuta kif moghti fir-rikors promotur tas-socjeta attrici (fol. 22 tergo).

Rat illi fis-seduta tat-28 ta' Gunju 2016 is-socjeta' konvenuta giet imsejha izda ma dehritx biex tikkontesta t-talba attrici.

Rat illi l-avukat difensur tas-socjeta' attrici pprezenta kapitolu ghas-subizzjoni tas-socjeta' konvenuta dakinhar tat-28 ta' Gunju 2016.

Rat illi fis-seduta tas-6 ta' Lulju 2016, is-socjeta' konvenuta ma dehritx sabiex twiegeb ghas-subizzjoni tas-socjeta' attrici.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta' attrici jghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici w tikkundanna tikkundanna lis-socjeta' kopnvenuta thallasha s-somma ta' erbatax-il ef, erba' mija u tlieta u erbghin ewro u sitta u tletin centezmu (€14,443.36) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors promotur, flimkien mal-ispejjez inkkluz it-taxxa dovuta fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet fuq is-sorte mid-data tal-prezentata tar-rikors promotur.**

**Dawn ghandhom jigu sopportati mis-socjeta' konvenuta.**

**Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**

**Graziella**
**Deputat Registratur**